MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Talba Numru. 1745/2004

**Avukat Leslie Grech**
**(Identity Card 103265M)**

**Vs**

**John Micallef**
**(Identity Card 236455M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attur talab li l-konvenut ihallas mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm188) bhala arretrati ta' kera kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra li l-konvenut ipprezenta Risposta fejn qal li l-inkwilini tal-fond 234/1, St Ursola Street, Valletta huma l-konvenut u ohtu. Il-konvenut qal ukoll li m'hemm xejn dovut lill-attur ghaliex il-kera giet imhallsa.

Ra x-xhieda ta’ Dr Leslie Grech fejn spjega l-ewwel eccezzjoni. Hu kien baghat Ittra lil oht il-konvenut sabiex jara jekk tridx tigi rikonoxxuta bhala kerrej izda l-konvenuta qatt ma baghtet risposta. Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija michuda billi l-konvenut ma gabx provi dwarha.

Ra x-xhieda ta’ John Micallef. Illi John Micallef stess ammetta li kien hallas b’cekk li ma ssarrafx u mbaghad mar biex ihallas *cash* minflok b’cekk.

Li gara huwa li nghata rcevuta ghal skadenza ohra meta ma kienx hemm ghalfejn tinhareg ircevuta ghaliex il-konvenut kien qed ihallas tas-skadenza ta’ qabel.

Illi x-xhieda ta’ Dr Leslie Grech hija kredibbli u konvincenti.

Jirrizulta li l-konvenut kien hallas il-kera f’April 2004 permezz ta’ cekk liema cekk gie rritornat *“refer to drawer”* (ara fol 21 tal-process). Illi l-konvenut li qed jeccepixxi l-hlas kellu jipprova li hallas. Illi mill-provi jirrizulta li l-konvenut naqas li jhallas.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta’ mija u tmienja u tmenin lira Maltin (Lm188) bl-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------